MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Numru. 306/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Kevin J Farrugia]**

**vs**

**Roderick Cilia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Roderick Cilia detentur tal-karta tal-identita` numru 100678(M).

Akkuzat talli nhar is-17 ta’ Marzu 2012 ghall-habta ta’ 11.15am gewwa Triq Villambrosa kantuniera ma’ Triq Magri, il-Hamrun u f’inhawi ohra f’dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ PS 1537 Paul Falzon li hu ufficjal pubbliku u dan hekk kif iccertifika Dr Daniel Barta MD Reg 3202 tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta’ PS 1537 Paul Falzon liema persuna hu nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi

3. Ingurja jew hedded persuna ta’ uhud inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe` fuq il-persuna ta’ PS 1537 Paul Falzon
4. Bi vjolenza jew b’thedid igieghel ufficjal pubbliku li ma jaghmilx xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga tieghu

5. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija PS 1537 Paul Falzon waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma halliehx jew fixklu waqt il-qadi ta’ dmirijietu.

6. U aktar talli irrenda ruhu recediv b’sentenza tal-Qorti liema sentenza saret defenittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja.

Semghet il-provi kollha.

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) fejn biha dehrlu li ghandha tinstab htija taht is-segwenti Artikoli tal-ligi u cioe`:

a) fl-artikolu 214, 221 u 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) fl-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) fl-artikolu 95 u 399(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) fl-artikolu 91 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) fl-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) fl-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) fl-artikolu 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-kawza tittratta fuq allegat feriti subiti minn kuntistabbli tal-pulizija u cioe` PC 1537 Paul Falzon meta fis-sbatax (17) ta' Marzu elfejn u tnax (2012) kien pajzan gewwa Triq Villambrosa, Hamrun u lemah lill-imputat b'xi haga f'idejh u stante li kien issuspetta li dan kien ghadu kif biegh xi droga, waqqfu u wara li identifika ruhu li kien pulizija, talbu sabiex itih dak li kellu f'idu. Fil-pront l-

imputat qabad u tefa' l-oggett f'halqu u meta il-pulizija zammlu idejh, dan tah daqqa ta' ponn go wiccu hekk kif gie certifikat mit-tabib Dr. Daniel Barta.

Semghet ix-xhieda tal-istess **PC 1537 Paul Falzon** fejn spjega kif ra lill-imputat dak in-nhar f'din it-triq u kif ralu oggett f'idejh u waqqfu. Spjega wkoll l-imputat, li kien identifikah fl-awla, tah daqqa ta' ponn fuq in-naha ta' wiccu tal-lemin sabiex ma jwaqqfux milli jdahhal l-oggett f'halqu.

Spjega ukoll kif wara mar jigri wara dik il-persuna li kien ghadu kif ha xi haga mill-imputat u dan kien identifikat bhala Andrew Bezzina, li wara li saritlu tfittxija fuqu din irrizultat fin-negattiv.

Xehed ukoll **PS 201 Sandro Magro** li mar jassisti lill-kuntistabbli Falzon wara l-incident fejn dan kien qallu li kien ra lir-ragel li wara kien identifikat bhala Andrew Bezzina jghaddi xi flus lill-imputat u fejn l-imputat kien xejjirlu daqqa ta' ponn. Huwa xehed ukoll li l-kuntistabbli Falzon kien qallu wkoll illi kien ra lil Bezzina jarmi xi oggett fit-triq izda wara li ghamlu tfittxija ma sabu xejn. Ghalhekk elevaw it-telefon cellulari ta' Bezzina ghal aktar stharrig.

Xehed ukoll it-tabib **Dr. Daniel Bartha** li halef ic-certifikat mediku esebit in atti li jinsab a fol hmistax (15) tal-process u fejn kien iccertifika lil PC Paul Falzon

bhala li kien qed isofri minn gerha fin-naha l-leminija ta’ halqu b’qata’ zghira fin-naha ta’ gewwa ta’ xofftu.

Semghet ix-xhieda tal-**<u>Ispettur Kevin Farrugia</u>** datata tnejn u ghoxrin (22) ta’ April elfejn u tlettax (2013) fejn esebixxa sentenza dwar l-addebitu tar-recidiva immarkata bhala Dok KF9.

Semghet ix-xhieda minn naha tad-difiza u cioe` lill-istess imputat Roderick Cilia u lil Andrew Bezzina li wara li nghata d-debita twissija sabiex ma jinkriminax ruhhu, huwa xorta wahda ried jixhed.

Ix-xhud **<u>Andrew Bezzina</u>** xehed illi huwa veru illi kien iltaqa’ mal-imputat Roderick Cilia dak in-nhar li waqqafhom il-kuntistabbli u veru li kien ghadda xi flus, izda dawn ma kienux fuq drogi izda ghaxar (EUR10) Ewro li kellu jaghtih fuq xi telefon cellulari.

Semghet ix-xhieda tal-imputat **<u>Roderick Cilia</u>** tad-dsatax (19) ta’ Mejju elfejn u erbatax (2014) fejn irrakonta li kien miftiehem ma’ Andrew Bezzina sabiex jaghtih il-kumplament tal-flus fuq bejgh ta’ *mobile phone* fi Triq Villambrosa dak in-nhar tal-incident u meta dan ghaddielu dawn l-ghaxar Ewro (EUR10) minnufih giet persuna li qaltlu biex ittih dak li kellu f’idejh. Huwa jghid illi meta

ma ghamilx dak li kien qallu, dan qabad jissielet mieghu u hataflu l-kartiera li kellu fil-but u harab jigri. Dan jghid li gera' warajh izda ma qabdux u mbaghad qata' qalbu. Huwa jghid ukoll li din il-persuna ma qaltlux min kienet.

Fuq kontro-ezami tal-prosekuzzjoni l-imputat jghid li din l-istorja kollha grat meta kien ghadu gej mid-Detox u wara li kien ha l-mistura ta' kontra d-droga.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet b'mod verbali.

Rat ukoll ix-xhieda tal-prosekuzzjoni in sostenn tar-rikors ghall-ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest datat tnejn (2) ta' Mejju elfejn u hmistax (2015) fejn l-Ispettur Kevin Farrugia u WPC 228 Donna Falzon xehdu illi l-imputat ma osservax il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest datat dsatax (19) ta' Marzu elfejn u tnax (2012) moghti mill-Magistrat Doreen Clarke, billi fis-sena kurrenti l-imputat ma marx jiffirma fl-ghassa taz-Zejtun ghal diversi drabi u cioe fit-tmienja (8) ta' Frar elfejn u hmistax (2015), fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar elfejn u hmistax (2015), fl-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u hmistax (2015) u fit-tnax (12) ta' Mejju elfejn u hmistax (2015). Gie pprezentat estratt mill-*bail book* tal-ghassa taz-Zejtun ghas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn jidher dan in-nuqqas minn naha tal-imputat (Dok DF1).

L-ispettur Kevin Farrugia jixhed ukoll fix-xhieda tieghu datata tmintax (18) ta' Mejju elfejn u hmistax (2015), illi kien hemm diversi granet ohra anke fi snin precedenti u anke' wara r-rikors odjern ghall-ksur tad-digriet tal-liberta provizjorja fejn l-imputat ma ffirmax fl-ghassa taz-Zejtun (ara Dok KFX).

Finalment xehed ukoll l-imputat in sostenn tar-rikors tal-ksur tad-digriet tal-liberta provizorja fejn huwa qal li dan l-ahhar kellu l-karozza bil-hsara u peress li hu jghix l-Isla huwa kien qed isibha difficli sabiex imur iz-Zejtun jiffirma. Fuq domanda in kontro ezami l-imputat xehed illi ma kienx jaf illi jrid jinforma lil xi hadd meta ma jkunx jista' jattendi.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti miz-zewg partijiet meta taghsarhom johorgu zewg verzjonijiet kontradicenti, minn naha' l wahda tal-kuntistabbli Paul Falzon u minn naha l'ohra tal-imputat Roderick Cilia. Il-verzjoni tal-kuntistabbli hi li waqqaf lill-imputat wara li kien avzah li kien pulizija u wara li kellu suspett li kienet qed tinbiegh id-droga u minn naha' l ohra l-imputat jghid illi dan ma qallux li kien pulizija u li hataflu l-kartiera mill-but u baqa' sejjer jigri biha.

Illi bir-rispett kollu din il-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni tal-imputat u dan ghaliex anke' li kieku l-kuntistabbli kellu ntenzjonijiet hziena huwa kien jaqbilli li jghid li kien pulizija sabiex jottjeni dak li jrid. Il-verzjoni tal-kuntistabbli ghandha

aktar titwemmen u hija aktar mill-logiku meta dan jghid illi waqqaf lill-imputat wara li rah jiehu xi flus minn persuna ohra li kienet giet identifikata bhala Andrew Bezzina. Inoltre` l-fatt li kienu ghaddew xi flus minn naha ghall-ohra hija xi haga li ma gietx ikkontestata mill-ebda parti izda l-kwistjoni jekk dawn il-flus kienux fuq drogi jew haga’ohra wisq jimporta ghal kaz in ezami ghaliex l-imputat huwa akkuzat fuq griehi fuq il-persuna ta’ ufficjal pubbliku u mhux fuq traffikar ta’ droga.

Il-fatt li f’dak il-mument, il-kuntistabbli kellu suspett ragjonevoli li kien qed jitwettaq reat, kien itih kull dritt u obbligu sabiex jindaga aktar u jekk ikun il-kaz jarresta dak li jkun. Pero` irrizulta illi f’dan il-mument l-imputat xejjer daqqa ta’ ponn fuq wicc il-kuntistabbli bil-konsegwenza tal-griehi certifikati mit-tabib Dr. Bartha hekk kif indikat hawn fuq. Ghalhekk, din il-Qorti toqghod fuq il-verzjoni tal-kuntistabbli bhala l-aktar wahda li tirrispekkja l-verita` u stante li m’hemm l-ebda prova ohra cirkostanzjali m’hemmx triq ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Illi a rigward tar-rikors ghall-ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest, hareg ampjament car anke fuq ammissjoni tal-imputat, illi huwa naqas ghal diversi drabi li jmur jiffirma fl-ghassa fejn suppost kien jiffirma u l-imputat ma ta l-ebda skuza ragjonevoli ghal dan in-nuqqas. Il-fatt li jghid illi huwa kellu l-karrozza

bil-hsara u ma kellux flus ghal tal-linja ma hijiex sufficjenti ghaliex li kieku vera kien dan il-kaz seta' facilment icempel l-ghassa jew jibghat lil xi hadd javzhom.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 221 u 222(1); 96(a); 95 u 399(1)(e); 91; 338(ee); 49 u 50; u 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; qed issib lill-imputat **Roderick Cilia** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija effettiva. A rigward il-ksur tal-helsien mill-arrest u wara li rat l-Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib ukoll lill-imputat odjern hati tal-istess ksur u filwaqt li tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-helsien mill-arrest datat dsatax (19) ta' Marzu elfejn u tnax (2012) moghti mill-Magistrat Doreen Clarke, tordna l-konfiska tal-ammont imsemmi f'dak id-digriet li jammonta ghal elfejn u tliet mitt ewro (EUR 2,300), u tikkundanna lill-istess imputat Roderick Cilia ghal piena ta' erba' (4) xhur prigunerija effettivi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------